**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 279/97

Rose Moran

vs

Direttur taz-Zghazagh u Sport

Illum 14 ta’ Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta ta' l-10 t’Ottubru 1989, ir-rikorrenti sofriet ingustizzja billi giet maqbuza fil-promozzjoni ghal Sports Officer II, minghajr raguni valida anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, aktarx b’mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrenti kienet inghatat il-hatra ta' Sports Officer I, f'Awissu 1980. Hija kienet l-unika wahda li kellha r-responsabilitajiet li torganizza attivitajiet sportivi relatati man-nisa u taghti ghajnuna lil ghaqdiet sportivi fil-hidma taghhom.

Illi fil-perjodu bejn id-9 ta' Mejju 1987 u s-26 t'Ottubru 1996, ir-rikorrenti xorta baqghet ghaddejja b' dawn l-attivitajiet, imma mhux bl-istess ritmu bhal qabel. Dan ma kienx dovut ghal xi nuqqas minn naha taghha, imma peress illi l-amministrazzjoni ta' dak iz-zmien riedet twarrabha minhabba t-twemmin politiku taghha u minhabba l-fatt li hu r-rikorrenti kien Ministru fl-amministrazzjoni precedenti (Laburista). Li ma kienx ghar-rikorrenti li hadet certi inizjattivi, hija kienet tithalla kompletament imwarrba u ma taghmel xejn.

Illi r-rikorrenti hija attiva hafna fl-isports u x-xoghol mehtieg minnha dejjem ghamlitu u ghadha taghmlu bl-akbar attenzjoni u dedikazzjoni. Dan kollu jista' jigi facilment konfermat mis-superjuri tar-rikorrenti.

Illi fl-10 t'Ottubru 1989 kien hemm opportunita` ghal promozzjoni ghall-grad ta' Sports Officer II, li r-rikorrenti kienet kwalifikata ghaliha, izda din il-vacancy giet mimlija billi gie maghzul individwu li kien Teacher II, cioe` lanqas biss fil-grad ta' Sports Officer I.

Illi dan l-istess individwu li nghata l-promozzjoni kien irrifjuta li japplika ghal Sports Officer meta kienu hargu applikazzjonijiet ghal dan il-grad.

Illi ghalhekk din il-promozzjoni saret bl-aktar mod ingust u abbuziv fil-konfront tar-rikorrenti u lilha b' hekk tellfitilha l-opportunita` li tigi kkunsidrata ghall-grad ta' Sports Officer II.

Illi barra minn hekk b' din il-promozzjoni ghal Sports Officer II inholqot anomalija ghaliex il-kariga li l-individwu promoss kien jokkupa qabel (cioe` Teacher II), kienet anqas mill-grad ta' Sports Officer I. B' dannu ghar-rikorrenti, fl-ghoti tal-promozzjoni, ghall-ewwel darba ma gietx ikkunsidrata s-seniority. Tant deher car li lir-rikorrenti ma riedux jikkunsidrawha ghall-promozzjoni li l-intimat iddikjara li mhux bi hsiebu johrog aktar applikazzjonijiet ghall-gradi ta' Sports Officer I u II.

Illi r-rikorrenti hasset li hija giet imcahhda ingustament minn promozzjoni li kienet tisthoqqilha ghall-grad ta' Sports Officer II u dana minghajr ebda raguni valida.

Illi l-ingustizzja li saret mar-rikorrenti tirrizulta b'mod aktar lampanti meta r-rikorrenti baqghet ma nghatatx il-promozzjoni ghall-grad ta' Sports Officer II sahansitra wara li rtira Emanuel sive Lino Mallia mill-grad ta' Sports Officer II u l-post tieghu baqa' vakanti.

Illi sal-lum ghad hemm dan il-post vakanti u r-rikorrenti sostniet li hija idoneja u jisthoqqilha li timla din il-kariga.

Illi b'konsegwenza ghall-ingustizzja li sofriet, ir-rikorrenti batiet ukoll telf finanzjarju konsistenti fl-awment ta' paga relattiva ghall-grad ta'

Sports Officer II miz-zmien li kien haqqha tieghu l-promozzjoni ghal dan il-grad.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrenti fil-perjodu fuq indikat garrbet ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew li minhabba fiha garrbet inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex issostni l-ilment taghha, r-rikorrenti kien bi hsiebha tressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrenti, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi r-rikorrenti (1) tinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Sports Officer II mill-perjodu li kien haqqha u (2) tinghata l-arretrati ta' paga relattivi ghal tali promozzjoni.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrenti titlob li jigi ordnat jithallas lilha kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur taz-Zghazagh u Sport li eccepixxa:

Illi l-promozzjonijiet fis-Servizz Pubbliku jinghataw skond il-Kostituzzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk ir-rikorrenti trid tipprova li hija ezawriet il-mezzi kollha ta' rimedju disponibbli ghaliha fit-termini tal' Artikolu 5(3)(b) tal-Att VIII ta' l-1997 (per ezempju id-disposizzjoni tal-paragrafu 1.1.7 ta' l-Estacode).

Illi l-persuna li dwar il-hatra tieghu r-rikorrenti tidher li qed timpenja l-ilment taghha (u cioe` is-Sur Anthony Formosa li gie appuntat Sports Officer II mill-1 ta' Ottubru 1987) kien gie appuntat fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fuq ilment li huwa kien ressaq dwar applikazzjoni ghall-post ta' Sports Officer II li huwa kien ghamel minghajr success fl-1978.

Illi l-kariga ta' Sports Officer II ma kenitx accessibbli biss mill-kariga ta' Sports Officer I u apparti s-Sur Formosa kien hemm persuni ohra li accedew ghal din il-kariga mill-grad ta' ghalliem (specjalment ghalliem fl-edukazzjoni fizika).

Illi dwar il-fatt li mill-1989 sa llum ghadu hadd ma gie appuntat Sports Officer II minkejja li kien hemm min irtira ghandu jinghad illi dan ma jfissirx illi b'hekk saret ingustizzja fit-termini ta' l-Att VIII ta'

l-1997 ma' kull min jippretendi dan il-post. Dan specjalment in vista tad-dritt ta' l-amministrazzjoni li torganizza r-rizorsi taghha bl-ahjar mod li jidhrilha xieraq.

Illi ghandu jigi ccarat ukoll illi l-kariga ta' Sports Officer II illum hija assimilata skond l-ezercizzju ta' assimilazzjoni ta' gradi annessi.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li dahlet tahdem mal-Gvern f'Lulju tal-1965 bhala Clerk Typist fid-Dipartiment tal-Agrikoltura u meta ghaddiet mill-ezami ghal Shorthand Typist fl-1968 gejt ippustjata fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn kienet segretarja tal-Assistent Direttur Ms. Margaret Mortimer, kif ukoll Dr. Francis Chetcuti. Ghamlet disa' snin fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u matul dan iz-zmien, kont involuta fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet sportivi.

Fl-1978 kienu hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta' Sports Officer I u hi applikat u giet klassifikat fil-hames post. Sitt xhur wara meta spiccat Miriam Busuttil hadet il-hatra bhala Sports Officer I. Bhala parti mix-xoghol taghha, kienet responsabbli ghall-isport kollu tan-nisa kif ukoll l-attivitajiet kollha li kienu jsiru fis-Sezzjoni Sport. Organizzat kompetizzjonijiet ghan-nisa f'diversi dixxiplini sportivi. Hadmet ukoll ghall-preparazzjoni tal-Konferenza tal-Ministri tal-Isport li kienet saret Malta.

Sostniet li meta nholqot il-vakanza fil-grad ta' Sports Officer II li giet mimlija mis-Sur Tony Formosa kellha tigi kunsidrata ghal tali promozzjoni. Dana peress li kienet ilha tahdem fis-Sezzjoni Sport u taqdi d-dmirijiet ta' Sports Officer I ghal hafna snin. Ziedet li l-ingustizzja li saret maghha tidher aktar cara meta wiehed iqis li minn dak iz-zmien 'l hawn ma kien hemm ebda vakanza ohra ghal Sports Officer II. Aktar tard ittiehdet ukoll decizjoni li l-grad ta' Sports Officers I u II jigu aboliti u ghalhekk giet fil-posizzjoni li ma kien fadlilha ebda cans li setghet xi darba tipprogressa fil-karriera taghha u tigi promossa ghall-grad aktar gholi ta' Sports Officer II.

Ziedet li Tony Formosa kien teacher 2 jghallem l-edukazzjoni Fizika u meta gie trasferit ghas-Sezzjoni Sport, baqa' Teacher 2, fl-1987. Is-Sezzjoni Sport qatt ma ffurmat parti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Tant kienu separati mill-bidu anke qabel l-1987 li meta d-Dipartiment tal-Edukazzjoni ried jahtar Sports Officer 1 xi sentejn wara li saret hi Sports Officer hareg call for applications u gew nominati zewg Sports Officers 1.

In kontro-ezami r-rikorrenti xehdet li Tony Formosa kien gie moghti l-promozzjoni wara d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji. L-ohrajn kienu haduha f` Awissu tal-1979 pero` hi kienet dahlet flok tfajla ohra li kienet izzewwget. Dak iz-zmien Tony Formosa spicca mid-dipartiment tal-Edukazzjoni u gie fid-Direttorat tal-Isports. Fil-fatt Sports Officer 1 kienu saru fl-istess zmien kemm fid-Direttorat tal-Isports kif ukoll fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Tony Ghio li jahdem fid-Dipartiment taz-Zghazagh u Sport u ilu f` dan id-dipartiment mill-1977 xehed li r-rikorrenti kienet ghamlet zmien tahdem fl-istess dipartiment. Semma li dwar il-promozzjoni ghal Sports Officer 2 mis-Sur Tony Formosa dan kien lahaq wara li kien ghamel rikors quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji u kien hemm decizjoni favurieh fuqha. Is-Sur Formosa gie allokat fl-Isports Section tal-Ministeru bin-nomenklatura Head of Sports. Dan kien titolu li ma kienx ufficjali. Qabel Tony Formosa kien fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u kien ilu minn mindu kien dahal jahdem bhala teacher. B` hekk wara decizjoni tal-Kummissjoni tal-Investigazzjoni s-Sur Formosa ma baqax aktar fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni izda spicca fid-Dipartiment tal-Kultura. Id-Dipartiment taz-Zghazagh u Sports dak iz-zmien kien jigi taht id-Dipartiment tal-Kultura.

Fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni hemm sezzjoni tal-isport u ghalhekk hemm persuna li tiehu hsieb dan ukoll. Ir-rikorrenti kienet tahdem f id-Dipartiment fejn kien hu u kienet junior tieghu. Kienet telqet Miss Busuttil u kienet dahlet Miss Moran minn flokha u Miss Moran kienet

hadet ix-xoghol kollu li kellu x` jaqsam fid-dipartiment in konnessjoni man-nisa u dan ix-xoghol hija kienet taghmlu b` mod efficjenti u kompliet b`mod tajjeb hafna, kwazi ahjar milli kien hemm qabel. Semma li anke meta ma kenitx baqghet aktar fid-dipartiment l-interess taghha baqa` hemmhekk. Infatti kienet tghin biex minn zmien ghal zmien tibqa` tikkontribwixxi ghal dak li kien isir id-dipartiment tan-nisa u sports. Dwar il-kapacitajiet taghha kien sabha tajba hafna. Kienet tlaqqa’ l-kazijiet ta’ sports ta’ volontarjat, kienet tlaqqahhom il-kumitati, tmexxihom regolarment u ma kienx ikollha problemi dwar xoghol taghha. Hafna minn dan ix-xoghol kien isir wara l-hin tax-xoghol u dan minghajr ebda remunerazzjoni izda biss ghall-interess li wiehed ikollu fix-xoghol. Fl-10 ta’ Ottubru 1989 ma kienx hemm calls ghal Sports Officer 2.

B` riferenza ghall-hatra ta` Sports Officer 2 fl-1978 Tony Formosa kien applika pero` ma kienx gie mal-ewwel tlieta. Dak iz-zmien kien id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li kellu x` jaqsam mal-isports. L-applikazzjoni kienet miftuha ghad-dipartimenti kollha u persuna setghet tigi minn kull dipartiment. Dwar Tony Formosa dan kien dahal fid-Dipartiment xi xahar u nofs, xaharejn wara l-elezzjoni tal-1987 biex jiehu x-xoghol li kien jaghmel hu. Fil-fatt hu kien teacher u kien ghadu anqas biss ha l-appointment ghal Sports Officer 2. Vacancy ma kienx hemm dak iz-zmien u infatti hu kien ha over ix-xoghol tax-xhud u infatti spiccaw hu u persuna ohra kwazi ma jaghmlu xejn ghal xi zmien.

Wara l-elezzjoni tal-1987 kienet ittiehdet id-ecizjoni li l-isports ma jibqax aktar taht id-Direttur tax-Xogholijiet izda jmur taht id-Direttur tal-Edukazzjoni, kif fil-fatt sar.

John Demanuele li ghandu l-kariga ta' Direttur taz-Zghazagh u Sport u ilu f' din il-kariga minn erba' snin 'il hawn li mill-file tar-rikorrent ma jirrizultawx affarijiet negattivi dwaru. Semma wkoll li ma kien hemm ebda kwalifika li Mario Saliba ma kellux biex ikun jista' jsir Sports Officer 2. Kienet harget cirkolari f` Awissu 1978 ghal Sports Officer 2. Kien hemm in segwitu decizjoni bejn il-Gvern l-union fejn dan il-post kellu jigi phased out. Sports Officer 1 kien grade 7 waqt li Sports Officer 2 jikkorrispondi ghal Grade 5. Tony Formosa kien inghata l-hatra ta' Sports Officer 2 in segwitu ta' decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji. Din giet implimentata with effect from 1st October 1987. Esebixxa dokument li jirreferixxi ghad-differenza fil-paga tar-rikorrent liema ammont ta' differenza jammonta ghal Lm7761.94, mill-1989 sal-2000.

Kompla li ghamel verifiki mal-file tas-Sur Formosa u sab ittra tas-Sur Fearne mibghuta lis-Segretarju Kummissjoni tal-Ingustizzji tal-20 ta' Jannar 1994 li tirreferixxi ghall-kaz tas-Sur Formosa. Fl-interview hu kien gie t-tmien wiehed. L-applikazzjoni kienet ghal Sports Officer 1 in the Education Department. Semma li hemm ittra tas-Sur Fiorini Lowell li qed jikteb lill-Acting Head Youth and The Arts through the Minister for Youth and the Arts fejn qed jghidlu fi 24/9/92 "Please refer to previous correspondence of subject in caption u l-caption tghidlek Commission for the Investigation of Injustices Mr. Anthony

Formosa; It has been approved (29/4/92) on the recommendation of The Public Service Commission that Mr. Anthony Formosa be appointed Sports Officer 2 with effect from 1st October 1987. Id-data taghha din 6th May 1992. In the circumstances you are instructed to implement the Commission' s recommendation in respect of Mr. Formosa. Please keep this office informed when final action is taken in this regard. Il-kariga ta' Acting Head of Sports li kien igib is-Sur Formosa qatt ma giet moghtija lilu. Fil-fatt din il-kariga ma tidhirx bhala wahda mill-karigi li jinghataw. Per ezempju meta tara l-estimi bhala post ma jezistix. Jiena naf l hu kien jghid li huwa Acting Head of Sports pero` l-kariga ma kenitx tezisti. Head of Sport ma lahaq hadd.

Richard Saliba Agent Segretarju tal-Public Service Commission xehed li fl-1992 il-Prim Ministru kien approva l-appointment tas-Sur Anthony Formosa bhala Sports Officer 2 pero` din kellha tkun backdated ghall-1 ta' Ottubru 1987. Fid-19 ta' Frar 1992 il-Head fil-Parliamentary Secretariat in the Ministry of Education and Interior baghat extract mir-rakkomandazzjoni li kienet saret mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li minnha rrizulta li l-Kummissjoni kienet waslet ghall-konkluzjoni li s-Sur Formosa kien haqqu l-promozzjoni. Il-PSC kienet accettat ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Il-complaint tas-Sur Formosa kienet tirreferixxi ghal OPM Circular 60/1978 ippubblikata fit-29th August 1978.

**KONKLUZJONIJIET:**

1. Il-linja li ha l-intimat hija li fl-1989 ma kien hemm ebda promotion exercise;
2. Li s-Sur Formosa sar Sports Officer 2 wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji;
3. Li l-vacancy li nholqot meta rtira Emanuel sive Lino Mallia ma affettwatx;

Ikkunsidra li Tony Formosa kien applika biex isir Sports Officer 2 fl-1979. Mill-process tal-Kummissjoni jirrizulta li kienu applikaw tmienja u ghoxrin (28) persuna u bejn dawk li mhux eligibbli, li rtiraw l-applikazzjoni, li ma resqux ghall-interview, li ma nstabux tajbin bizzejjed, kien fadal sbatax (17) u Formosa spicca fir-raba' post flimkien ma' persuna ohra. Irrizulta li l-Bord nominat mill-P.S.C. kien alloka hamsa u ghoxrin fil-mija tal-marki ghal Personality and Aptitude, hamsa u ghoxrin fil-mija Knowledge, hamsa u ghoxrin fil-mija Qualification u hamsa u ghoxrin fil-mija Management and Organisation. Irrizulta li dwar Sports Officer II ghalkemm ghall-ewwel kellu jkun appuntat wiehed eventwalment gie deciz li jigu appuntati tlieta. Wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Kummissjoni kienet waslet ghall-konkluzjonijiet li:

I. Uhud minn dawk li ntaghzlu ma hadmux fis-sezzjoni tal-isports;

II. Kawza ta' hekk ittiehed post minn halq Formosa biex inghata lil haddiehor li ma ntbaghatx jahdem fil-qasam tal-isports;

III. Li s-selection board ma kellu ebda kwalifika jew specjalizzazzjoni sportiva;

IV. Li d-decizjoni ittiehdet waqt interview ta' ghaxar minuti kull applikant;

**V.** Li l-ghazla tal-1979 kienet wahda inficjabbli u li l-konsegwenza taghha mhux necessarjament gew mahtura l-persuni l-aktar kompetenti oggettivament;

Il-Kummissjoni spiccat biex bhala rimedju irrakkomandat li Anthony Formosa "li almenu mill-1958 dejjem ghamel xoghol b' konnessjoni mal-isports, u li minn 22/5/87 gie addirittura inkarigat biex imexxi s-sezzjoni tal-isports fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni – anke fuq Sports Officer 2 li kien in sella – ghandu jinghata l-kariga ta' Sports Officer 2 b' effett mill-1 ta' Ottubru 1987."

Dan it-Tribunal josserva li certament ir-rikors tar-rikorrenti jrid jigi ezaminat anke fid-dawl tal-eccezzjonijiet prezentati mill-intimat. L-intimat isostni li ma sar ebda promotion exercise fl-1989 u li ghalhekk ir-rikorrenti ma setghet qatt tilhaq din il-kariga ghax ma kienx hemm applikazzjonijiet ghaliha, u per konsegwenza ma tirrizultax l-ingustizzja. Ragunar, li prima facie, jidher ferm validu, izda minn ezami akkurat ta' dak li gara jista' ma jibqax intrinsikament daqshekk validu.

Jibda biex josserva t-Tribunal li l-Kummissjoni waslet ghad-decizjoni taghha bazata fuq certu aspetti u specjalment imsemmija hawn fuq. Jigi osservat li l-Kummissjoni ma bbazatx ir-ragunar taghha fuq studju

komparattiv ta' kriterji oggettivi ezistenti fl-1979 fost dawk li saru u Tony Formosa b' mod li kien jirrizulta li Formosa kien haqqu jsir fl-1979, izda bbazat fuq dak li ssemma hawn fuq. Ta' min josserva wkoll li ghalkemm il-Kummissjoni deherilha li Formosa gie ingustament imcahhad minn promozzjoni ghal Sports Officer II fl-1979 dan inghata l-kariga b' effett minn tmien snin wara u cioe` l-1 ta' Ottubru 1987. Interessanti ferm hija l-konkluzjoni hawn fuq riprodotta verbatim milhuqa mill-Kummissjoni fl-Artikolu 6.1 tar-rapport taghha pagna sbatax (17) tar-rapport u li parti qasira minnha sejra tigi riprodotta hawn:

"u li minn 22/5/87 gie addirittura inkarigat biex imexxi s-sezzjoni tal-isports fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni – anke fuq Sports Officer 2 li kien in sella."

U hawn jinstab il-pern tal-kwistjoni kollha. Kif xehed Tony Ghio, Formosa kien dahal "fid-dipartiment xi xahar u nofs, xaharejn wara l-elezzjoni tal-1987… Fil-fatt hu kien teacher u kien ghadu anqas biss ha l-appointment ghal Sports Officer II."

John Demanuele xehed "Il-kariga ta' Acting Head Of Sports li kien igib is-Sur Formosa qatt ma giet moghtija lilu. Fil-fatt din il-kariga ma tidhirx bhala wahda mill-karigi li jinghataw. Per ezempju meta tara l-estimi bhala post ma jezistix. Jiena naf li hu kien jghid li huwa Acting Head Of Sports pero` l-kariga ma kenitx tezisti. Head Of Sports ma lahaq qatt…"

Dan kollu jwassal biex inholqot anomalija serja meta kontra dak kollu li suppost, Tony Formosa tpogga fil-pozizzjoni li fil-fatt tpogga fiha xi xahar u nofs wara l-elezzjoni minghajr ma dan seta' jsir liema kariga hadha fis-6 ta' Mejju 1992 b' effett mill-1 ta' Ottubru 1987. Dan ifisser li ghal hames snin dam jokkupa post li mhux suppost okkupa u li, kif irrizulta, influwenza b' mod serju lill-Kummissjoni tant illi fid-decizjoni taghha li tirrakkomanda li Formosa jinghata l-kariga ta' Sports Officer II hadet in konsiderazzjoni wkoll b' mod qawwi l-fatt li Formosa gie addirittura inkarigat biex imexxi s-sezzjoni tal-isports fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni – anke fuq Sports Officer II li kien in sella. Li kieku l-ingustizzja li saret meta Formosa tpogga fid-dipartiment biex jiehu xoghol li dak iz-zmien kien jaghmel Ghio, tali decizjoni tal-Kummissjoni probabbilment qatt ma kienet tittiehed u r-rikorrenti ma kenitx issib it-triq maghluqa meta rtira Mallia kif fil-fatt sabitha maghluqa. Ghalhekk id-decizjoni ingusta ta' meta Formosa tpogga jmexxi s-sezzjoni tal-isports wasslet ghall-ingustizzja li effettivament sofriet r-rikorrenti fil-mument li rtira Mallia.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata izda biss mid-data ta' meta spicca mill-kariga Emanuel Mallia, jirrikmanda li r-rikorrenti tinghata rimedju kompensattiv billi tinghata l-kariga ta' Sports Officer II b' effett minn meta rtira Mallia u titpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm hadet l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li tithallas d-differenza fil-paga li sofriet.

Spejjez kontra l-intimat.